SUSTANZI JEW PRODOTTI LI JIKKAWŻAW ALLERĠIJI JEW INTOLLERANZI

1. Iċ-ċereali li fihom il-glutina, jiġifieri: il-qamħ, is-segala, il-barli, il-ħafur, l-ispelt, il-kamut jew il-pjanti ibridizzati tagħhom, u prodotti tagħhom, minbarra:
   (a) ġulepp tal-glukosju bbażat fuq qamħ inkluż id-destrosju (1);
   (b) maltodextrins ibbażati fuq il-qamħ (1);
   (c) ġulepp tal-glukosju bbażat fuq il-barli;
   (d) ċereali użati biex isiru distillati alkoħoliċi inkluż alkoħol tal-etilu ta' oriġini agrikola;
2. Krustaċej u prodotti tagħhom;
3. Bajd u prodotti tagħhom;
4. Ħut u prodotti tagħhom, minbarra:
   (a) il-ġelatina tal-ħut użata biex iġġorr il-vitamina jew preparamenti tal-karotenojd;
   (b) il-ġelatina tal-ħut jew Isinglass użati bħala aġent li jirfina fil-birra u l-inbid;
5. Il-karawett u prodotti tiegħu;
6. Is-soybeans u prodotti tagħhom, minbarra:
   (a) żejt u xaħam tas-soybean totalment irfinat (1);
   (b) tocopherols imħallta b'mod naturali (E306), D-alpha tocopherol naturali, D-alpha tocopherol acetate naturali, D-alpha tocopherol succinate naturali minn sorsi tas-soybean;
   (c) żjut veġetali mnissla minn fitosteroli u fitosterol esters minn sorsi tas-soybean;
   (d) stanol ester tal-pjanti magħmul minn sterols taż-żejt veġetali minn sorsi tas-soybean;
7. Ħalib u prodotti minnu (inkluż il-lattosju), minbarra:
   (a) xorrox użat biex isiru distillati alkoħoliċi inkluż alkoħol tal-etilu ta' oriġini agrikola;
   (b) lactitol
8. Ġewż, jiġifieri: lewż (Amygdalus communis L.), ġellewż (Corylus avellana), ġewż (Juglans regia), anakardji (Anacardium occidentale), ġewż Amerikan (Carya illinoiesis (Wangenh.) K. Koch), ġewż tal-Brażil (Bertholletia excelsa), pistaċċi (Pistacia vera), macadamia jew Queensland nuts (Macadamia ternifolia), u prodotti tagħhom, minbarra ġewż użat biex isiru distillati alkoħoliċi inkluż alkoħol tal-etilu ta' oriġini agrikola;
9. Karfus u prodotti tiegħu;
10. Mustarda u prodotti tagħha;
11. Ġulġlien u prodotti tiegħu;
12. Dijossidu tal-kubrit u sulfiti f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 10 mg/kg jew 10 mg/litru f'termini tal-SO2 totali li għandhom jiġu kalkolati għal prodotti kif proposti lesti għall-konsum jew ikkostitwiti mill-ġdid skont l-istruzzjonijiet tal-fabbrikanti;
13. Lupina u prodotti tagħha;
14. Molluski u prodotti tagħhom.

---

(1) Kif ukoll il-prodotti tagħhom, sa fejn il-proċess li għalih jiġu sottoposti ma jżidx il-livell ta' allerġenità stmata mill-Awtorità għall-prodott rilevanti li minnu huma oriġinaw.